Nru./No. 20,884
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 30 ta' Ġunju, 2022
Thursday, 30th June, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 10,093 - 10,094
Government Notices ..... *10,093 - 10,094*

Avviżi tal-Qorti ..... 10,094 - 10,096
Court Notices ..... *10,094 - 10,096*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 763

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President nhar il-Erbgħa, 29 ta' Ġunju, 2022.

Il-Prof. Frank Bezzina ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

It-30 ta' Ġunju, 2022

Nru. 764

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tnejn, is-27 ta' Ġunju, 2022, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 722 tal-21 ta' Ġunju, 2022, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-27 ta' Ġunju, 2022
(OPM/19/2022)

Nru. 765

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar it-Tlieta, 28 ta' Ġunju, 2022, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

Is-27 ta' Ġunju, 2022
(OPM/19/2022)

Nru. 766

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili,

GOVERNMENT NOTICES

No. 763

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Wednesday, 29th June, 2022.

Prof. Frank Bezzina has ceased to perform the functions of President.

30th June, 2022

No. 764

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Monday 27th June, 2022, and that the arrangements made by Government Notice No. 722 of the 21st June, 2022, ceased to have effect accordingly.

27th June, 2022

No. 765

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of the Prime Minister on Tuesday, 28th June, 2022, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

27th June, 2022

No. 766

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives

il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Keith Francis German bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Josepha Farrugia u dan għall-perjodu bejn id-19 ta Lulju, 2022 u t-22 ta' Lulju, 2022 (ż-żewġ dati inklużi)

Illum, 27 ta' Ġunju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Keith Francis German to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Josepha Farrugia, for the period between the 19th July, 2022 and the 22nd July 2022 (both days inclusive).

Today, the 27th June, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 767

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Pierre Attard bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Hans Karl Attard u dan għall-perjodu bejn id-29 ta' Ġunju, 2022 u t-3 ta' Lulju, 2022.

Illum, 28 ta' Ġunju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 767

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Pierre Attard to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Hans Karl Attard, for the period between the 29th June, 2022 and the 3rd July, 2022.

Today, the 28th June, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1153

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fl-24 ta' Mejju, 2022, fuq talba ta' Pullicin Developers Limited ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Giuseppe La Mastra, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 329/2022TA, fl-ismijiet Pullicin Developers Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Guramentat, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' April, 2022, fl-ismijiet

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 24th May, 2022, following a request of Pullicin Developers Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Gaetano La Mastra, in the records of the Sworn Application 329/2022 TA, in the names Pullicin Developers Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a sworn application, filed, in the Civil Court First Hall, in the names Pullicin Developers Limited

Pullicin Developers Limited (C40807) vs Kuraturi Deputati biex jidhru u jiddefendu fl-interess tal-assenti Gaetano Giuseppe La Mastra, fejn ir-rikorrenti Pullicin Developers Limited (C40807) talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara għar-ragunijiet premessi illi l-intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' €31,512.97;

2. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €31,512.97.

Bl-imgħax legali applikabbli

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Pullicin Developers Limited, Pullicin Yard, Sqaq iż-Żiemel, Ħandaq Ind. Estate, Ħal Qormi

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 24 ta' Mejju, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(C40807) vs Deputy Curators to represent and defend the interests of the absent Gaetano Giuseppe La Mastra, on the 12th April, 2022, the applicant Pullicin Developers Limited (C40807) requested this Honourable Court to:

1. Declare for the reasons premised that the respondent is debtor of the applicant company in the amount of €31,512.97;

2. Order the respondent to pay the applicant the amount of €31,512.97.

With applicable legal interest

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: Pullicin Developers Limited, Pullicin Yard, Sqaq iż-Żiemel, Ħandaq Ind. Estate, Ħal Qormi

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD ,Doctor of Laws.

Today 24th May, 2022

Registry of the Superior Courts, today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1154

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjoni, fil-19 ta' Jannar, 2021, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 248/2020GM, li ġie ppreżentat fid-29 ta' Ottubru, 2020, fl-ismijiet Camilleri Doreen vs l-Avukat

By order of the Civil Court, First Chamber, Constitutional Court, on 19th January, 2021, in the acts of Constitutional Application number 248/2020GM, filed on 29th October, 2020, in the names Camilleri Doreen Vs State Advocate

tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunarji u nonpekunarji kif sofferti mill-esponenti u tikkundanna l-intimat iħallas lill-esponenti l-kumpens u d-danni hekk illikwidati, bl-imgħax. Tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha neċessarji sabiex l-esponenti titpoġġa fl-istatus quo ante tal-vjolazzjoni, inkluż bl-iżgumbrament tal-inkwilina fi żmien fis u perentorju. Bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni spettanti lill-esponenti fil-liġi kontra l-intimati (jew min minnhom) li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-14 ta' Lulju, 2022, fil-11.20 a.m.

Notifika Intimat: Borg Rita, 68, Triq il-Mensija, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ġunju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicant and order the respondent to pay the applicant the compensation and damages thus liquidated, with interest. It gives all those orders and provisions necessary for the applicant to be placed in the status quo ante of the violation, including by evicting the tenant in a timely and timely manner. With costs and subject to all rights and actions due to the plaintiffs against the respondents (or any of them) who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the above names is adjourned for 14th July, 2022, at 11.20 a.m.

Service Respondent: Borg Rita, 68, Triq il-Mensija, St Julian's

Registry of the Superior Courts, today 27th June, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1155

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 686/2021AJD, li ġie ppreżentat fil-15 ta' Lulju, 2021, fl-ismijiet J&R Developments Ltd vs Recube Construction & Project Management, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà attriċi d-dejn fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf, ħames mija u disa' ewro punt disgħa ċenteżmi. (€21,509.09c) jew kwalunkwe somma flus oħra illi din il-Qorti jidhrilha illi hija dovuta lis-soċjetà attriċi. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-6 ta' Ottubru, 2022, fl-10.10 a.m.

Notifika Intimat: Recube Construction & Project Management, Dragonara Business Centre, 5th Floor, Triq id-Dragonara, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ġunju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order given by the Civil Court, First Hall, on 8th October, 2021, in the acts of Sworn Application number 686/2021AJD, filed on 15th July, 2021, in the names J&R Developments Ltd vs Recube Construction & Project Management, the following publication has been ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the respondent Society to pay the plaintiff company the debt in the sum of twenty-one thousand, five hundred and nine euro point nine cents. (€21,509.09c) or any other sum of money that this Court deems to be due to the plaintiff company. With legal interest and costs.

The Sworn Application in the above names is adjourned for 6th October, 2022, at 10.10 a.m.

Notice to Respondent: Recube Construction & Project Management, Dragonara Business Center, 5th Floor, Triq id-Dragonara, St Julian's

Registry of the Superior Courts, today 27th June, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603